# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Novembru 2016**

**Numru**

**Ċitazzjoni numru 1778/2000 JZM**

**Stephen Galea**
***v.***
**(1) Frans Farrugia,**
**(2) Raymond Vassallo,**
**(3) John Abdilla,**
**(4) Godfrey Borg,**
**(5) *Malta Drydocks*; u b'dikriet tas-27 ta' Frar 2004 Saviour Gauci, Direttur Ġenerali (*Operations*) fil-Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi assuma l-atti flok *Malta Drydocks*; u b'dikriet tal-21 ta' Mejju 2010 Joseph Croker f'isem il-Gvern bħala suċċessur tal-*Malta Drydocks* issostitwixxa lil Saviour Gauci fil-kwalità tiegħu premessa; u b'dikriet tad-29 ta' Ġunju 2014 Claude Cuschieri assuma l-atti minflok Joseph Crocker għan-nom tal-Gvern ta' Malta bħala suċċessur tal-*Malta Drydocks***

1. Dan huwa appell tal-attur (li iżda mar deżert) u appell inċidentali tal-konvenuti minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30

ta' Marzu 2010 dwar validità ta' proċeduri ta' dixxiplina magħmula mill-konvenuti kontra l-attur. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attur huwa impjegat mal-konvenuta *Malta Drydocks* (li llum daħal flokha fil-kawża l-Gvern ta' Malta). Fit-18 ta' Mejju 2000 l-attur kien mgħarraf mill-konvenut Farrugia illi kien qiegħed jiġi mixli:

> »that on Sunday 7th May 2000 you left the yard premises and later returned in the afternoon without clocking on both occasions which goes against the Timekeeping, Recording and Payment Procedure – Section II (c) (iv) – and carries an automatic suspension from duty without pay. Furthermore you are being charged with having contravened Article (A) Group I (iii) of the Disciplinary Regulations and will in due course be informed when to appear on *ad hoc* Disciplinary Board.«

3. L-attur deher quddiem bord ta' dixxiplina magħmul mill-konvenuti Vassallo, Abdilla u Borg; igħid li kien mgħarraf illi ma setax ikollu l-għajnuna, waqt il-proċeduri quddiem il-bord ta' dixxiplina, ta' rappreż-entant tal-*union* li tagħha kien membru. Igħid ukoll illi ma kienx ingħata kopja tad-dokumenti li tressqu quddiem il-bord ta' dixxiplina u lanqas kopja tal-minuti tal-bord.

4. B'ittra tas-6 ta' Ġunju 2000 iffirmata mill-konvenut Farrugia l-attur ġie mgħarraf illi:

> »With reference to the charge against you of having contravened Article (A) Group I (iii) of the Disciplinary Regulations, and the contravention against the Timekeeping, Recording and Payment Procedure – Section II (iv) – this is to inform you that the *ad hoc* Disciplinary Board members after giving full consideration to all facts presented and
>
> »(a) to your admission to the offence,
>
> »(b) that you did not take action to put right any irregularities which were about to occur, and
>
> »(c) that you occupy responsible position at *Malta Drydocks*,
>
> decided that:

»(i) you be suspended from duty without pay for thirty-two (32) consecutive days (which suspension also includes the automatic suspension) and

»(ii) recommends that, should you be found guilty of a similar offence, your employment should be terminated.

»The thirty-two (32) days' suspension should be taken as from Monday 12th June to Tuesday 25th July, both days inclusive.«

5. L-attur appella iżda, billi l-bord tal-appell kellu jkun magħmul minn persuni f'karigi li, meta l-attur fetaħ il-kawża tallum kienu battâla, l-attur igħid illi "l-appell mhux mistenni jinstema' fil-futur viċin".

6. Billi deherlu illi l-proċeduri kontrieh huma għemil amministrativ mill-*Malta Drydocks* – awtorità pubblika mwaqqfa b'liġi – li huwa bi ksur tal-liġi u tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-attur fetaħ din il-kawża tallum u talab illi l-qorti:

»1. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-għemil amministrattiv tal-*Malta Drydocks* u l-proċeduri ta' dixxiplina kontra l-attur huma *ultra vires* … … … kif hemm maħsub fl-artikolu 469A tal-Kap. 12;

»2. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-għemil amministrattiv tal-*Malta Drydocks* u l-proċeduri ta' dixxiplina kontra l-attur kisru l-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament:

- »• id-dritt għal smigħ xieraq (artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319),
- »• id-dritt għall-protezzjoni minn diskriminazzjoni (artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u artikolu 14 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319) u
- »• il-protezzjoni tal-libertà ta' għaqda u assoċjazzjoni (artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u artikolu 11 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319).

»3. tiddikjara l-għemil amministrattiv tal-*Malta Drydocks* u l-proċeduri ta' dixxiplina kontra l-attur nulli, invalidi u mingħajr effett;

»4. tiddikjara lill-konvenuti responsabbli li għamlu kważi-delitt li joħroġ mill-att amministrattiv, kif ukoll vittimizzazzjoni fil-konfront tal-attur;

»5. tiddikjara li f'kull każ il-konvenuti naqsu li josservaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali u konsegwentement tiddikjara (a) l-operat tagħhom f'dan il-każ, (b) l-azzjoni ta' dixxiplina kontra l-attur, (ċ) id-deċiżjoni tal-bord ta' dixxiplina u (d) il-piena inflitta fuqu, nulli, invalidi u bla effett;

»6. tilllikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur;

»7. tikkundanna lill-konvenuti biex iħallsu *in solidum* bejniethom lill-attur id-danni hekk likwidati.«

7. B'sentenza tal-31 ta' Mejju 2001 (li minnha ma sarx appell) l-ewwel qorti kienet ċaħdet eċċezzjoni illi l-art 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jgħoddx għal-każ billi dak li qiegħed jilmenta minnu l-attur ma huwiex "għemil amministrattiv" għall-għanijiet ta' dak l-artikolu. Imbagħad bis-sentenza tat-30 ta' Marzu 2010 li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

»Tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri [dwar nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attur] limitatament fejn din tirrigwarda lill-konvenut [Gvern ta' Malta] li b'digriet tas-27 ta' Frar 2004 kien assuma l-atti minflok il-*Malta Drydocks*, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel tliet talbiet attrici, u tillibera lill-istess [Gvern ta' Malta] mill-osservanza tal-ġudizzju.

»Tiċħad ir-raba' talba attriċi kif dedotta kontra l-konvenuti l-oħra Frans Farrugia, Raymond Vassallo, John Abdilla u Godfrey Borg.

»Tiċħad il-ħames talba fejn din tirrigwarda l-konvenut Frans Farrugia.

»Tipprovdi dwar il-ħames talba attriċi billi limitatament fil-konfront tal-konvenuti Raymond Vassallo, John Abdilla u Godfrey Borg, tiddikjara li bħala membri tal-bord ta' dixxiplina fil-każ tal-attur mertu ta' din il-kawża huma naqsu li josservaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali u għalhekk tiddikjara d-deċiżjoni tagħhom bħala bord ta' dixxiplina fil-każ tal-attur mertu ta' din il-kawża, kif ukoll il-piena inflitta lill-attur, bħala nulla u bla effett.

»Tiċħad is-sitt u s-seba' talbiet attrici.

»B'applikazzjoni tal-art. 223(3) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.«

8. Minn din is-sentenza appella l-attur b'rikors tad-19 ta' April 2010. Il-konvenuti wieġbu fl-14 ta' Mejju 2010 u ressqu appell inċidentali. L-attur baqa' wa weġibx għall-appell inċidentali. L-appell tal-attur mar deżert fit-28 ta' Ottubru 2014 u għalhekk fadal biss li nqisu l-appell inċidentali tal-konvenuti.

9. Ir-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni tal-ewwel qorti, safejn relevanti għall-meritu tal-appell inċidentali, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »L-attur kien jaħdem il-*Malta Drydocks* fil-grad ta' *Ship Repair Manager*. Fit-18 ta' Mejju 2000 huwa rċeva ittra mingħand il-*Personnel Officer* li infurmatu li kienet qed tinħareġ *charge* kontrieh peress illi kien ħareġ minn fuq il-post tax-xogħol mingħajr ma ippanċja. L-attur jallega li kellu raġuni valida talli telaq mill-post tax-xogħol. L-attur kellu jidher quddiem bord ta' dixxiplina iffurmat *ad hoc* minn impjegati tal-*Malta Drydocks* li jokkupaw posizzjonijiet għoljin fl-azjenda. L-attur jallega illi l-*Malta Drydocks* u l-bord ta' dixxiplina ma osservawx il-prinċipji tal-ġustizzja naturali, illi aġixxew *ultra vires* u b'abbuż ta' poter. Jallega wkoll illi bl-aġir tagħhom il-konvenuti kisru l-Kostituzzjoni u l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta. L-attur temm l-impieg tiegħu fil-*Malta Drydocks* meta tħallas skond il-kondizzjonijiet tal-iskema tal-irtirar kmieni. Hu jallega li għamel hekk biex ma jkomplix isofri vittimizzazzjoni min-naħa tal-konvenuti.
>
> »… … …
>
> »L-eċċezzjoini ta' nuqqas ta' interess ġuridiku.
>
> »Il-posizzjoni tal-*Malta Drydocks.*
>
> »Sakemm fil-qasam tat-tarznari ma seħħewx l-iżviluppi maghrufa pubblikament li finalment wasslu sabiex tispiċċa l-*Malta Drydocks* u l-ħaddiema tagħha jtemmu l-impieg tagħhom, f'din il-kawża ma kienet qamet l-ebda kwistjoni ta' karenza ta' interess fl-azzjoni attriċi. Infatti dik l-eċċezzjoni ma ngħatatx *in limine litis.* Il-kwistjoni qamet wara li l-attur aċċetta li jirtira mill-impieg mill-*Malta Drydocks* b'effett mis-26 ta' April 2002, iffirma d-dikjarazzjoni … … … u tħallas is-somma ta' Lm17,000.
>
> »… … …
>
> »Fil-każ tal-lum, wara d-deċiżjoni sfavorevoli tal-bord ta' dixxiplina, l-attur ressaq appell quddiem il-Bord tal-Ewwel Appell, u meta dak l-appell kien għadu pendenti, għar-raġunijiet li fisser waqt il-kawża, l-attur ippreżenta l-kawża odjerna. Issa waqt il-pendenza ta' din il-kawża, fit-tarzna tnediet l-iskema tal-irtirar kmieni u l-attur applika għax qal li kien qed jiġi vittimizzat, allegazzjoni li għal din il-qorti ma rriżultatx b'mod oġġettiv fuq l-iskorta tal-kumpless tal-provi akkwiżiti. It-talba tal-attur kienet milqugħa kif jirriżulta mill-ittra tat-12 ta' April 2002; f'dik l-ittra l-attur kien avżat li l-aħħar jum tal-impieg tiegħu fit-tarzna kellu jkun is-26 ta' April 2002. Dak il-jum stess ta' tmiem l-impieg u *cioè* fis-26 ta' April 2002 l-attur irċieva pagament ta' Lm 17,000 skond l-iskema tal-irtirar. Id-dokument li jġib il-firma tal-attur igħid *inter alia* hekk-
>
>> »"Din is-somma ta' flus hija finali u m'għandi jedd għal-ebda pretensjoni, dritt jew kumpens ieħor mill-Korporazzjoni in konnessjoni mal-impjieg tiegħi ħlief biss għall-paga u *bonus* statutorju *pro rata* dovuti sad-data tat-terminazzjoni tal-impjieg. Din il-kundizzjoni tgħodd ukoll għall-perijodu ta' *notice* u kull tip ta' *bonus* għal servizz.

»Għal din il-qorti d-dokument ma jalli l-ebda dubbju dwar il-kontenut tiegħu. Id-dokument igħid kjarament x'kien baqa' riservat bi ftehim bejn il-partijiet. Il-prosegwiment ta' din il-kawża ma kienx punt li baqa' riservat. Għalhekk meta l-attur iddikjara li bil-pagament finali ta' Lm17,000 ma kellu "jedd għal ebda pretensjoni, dritt jew kumpens ieħor mill-Korporazzjoni in konnessjoni mal-impjieg tiegħu "huwa kien qed mingħajr riserva "jagħlaq" il-"pretensjonijiet" li kellu f'din il-kawża kontra l-*Malta Drydocks*.

»… … …

»Għalhekk din il-qorti qegħda tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri limitatament fejn din tirrigwarda lill-konvenut [Gvern ta' Malta] li … … … kien assuma l-assi minflok il-*Malta Drydocks*, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel tliet talbiet attriċi, u tillibera lill-[Gvern ta' Malta] mill-osservanza tal-ġudizzju.

»Il-posizzjoni tal-konvenuti l-oħra.

»… … … meta l-attur ressaq l-istanza tiegħu, l-intendiment tiegħu kien li l-ewwel tliet talbiet ikunu diretti biss kontra l-*Malta Drydocks*, waqt li l-erba' talbiet l-oħra jkunu diretti kontra l-konvenuti Farrugia, Vassallo, Abdilla u Borg.

»Deċiża l-posizzjoni tal-*Malta Drydocks* bl-akkoljiment tal-eccezzjoni ulterjuri kif fuq premess, għar-rigward tal-konvenuti l-oħra, l-interess tal-attur jibqa' impregudikat għaliex il-pagament li l-attur irċieva u r-riċevuta li rrilaxxja b'ebda mod ma jagħalqu l-istanza attriċi fil-konfront tagħhom billi, mill-mod kif kienet impostata l-azzjoni partikolarment bir-raba', bil-ħames, bis-sitt u bis-seba' talbiet, huwa evidenti li kienet intiża wkoll sabiex tolqot l-operat u l-imġieba tal-konvenuti l-oħra, in kwantu għall-konvenut Farrugia bħala *personnel officer* tal-*Malta Drydocks*, u in kwantu għall-konvenuti l-oħra bħala membri tal-bord ta' dixxiplina. … … …

»Għalhekk din il-qorti qiegħda tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri fejn din tirrigwarda l-posizzjoni tal-konvenuti Farrugia, Vassallo, Abdilla u Borg.

»Huwa evidenti mill-mod kif l-attur imposta l-aħħar erba' talbiet tiegħu, partikolarment ir-raba' talba, li l-pretensjoni tiegħu hija fis-sens li din il-qorti għandha tistħarreġ l-imġieba tal-konvenuti Farrugia, Vassallo, Abdilla u Borg fil-kuntest ta' għemil amministrattiv kif kontemplat fl-art. 469A tal-Kap.12, … … … Biex tasal għal dan kollu, din il-qorti trid bilfors tgħarbel il-viċenda kollha tal-attur kif evolviet.

»Ir-Regolamenti ta' Dixxiplina

»Dawn ir-regolamenti jipprovdu f'taqsimiet speċifiċi għall-klassifika tad-diversi offiżi kif ukoll għall-makkinarju proċedurali li l-impjegat mixli jista' jikkonsegwi fid-difiża tiegħu.

»Fil-każ tal-attur, l-akkuża kienet taqa' taħt fil-Kategorja A Grupp 1 (iii) u *cioè* 'misappropriјazzjoni ta' fondi tal-*Malta Drydocks* inklużi *allowances*'.

»Din il-qorti se tissenjala serje ta' regolamenti li tqis rilevanti għall-fini tal-każ tal-lum -

»1) Jinkombi lill-*management* li, fi żmien 36 siegħa mit-twassil lilha tar-rapport, toħroġ iċ-*ċharge* u tassikura li dan ikun debitament

notifikat lill-impjegat li jkollu 36 siegħa biex iwieġeb bil-fomm jew bil-miktub (reg. 11).

»2) *Una volta* l-każ jigi riferit lill-bord tad-dixxiplina kompost minn tliet membri tal-*management* f'livell eżekuttiv (reg. 14) l-impjegat mixli jkun intitolat li jmexxi l-każ u d-difiża tiegħu huwa stess jew ikun mgħejjun minn rappreżentant tat-*trade union* tiegħu jew minn ħabib *purché* impjegat tat-tarzna. Huwa intitolat ukoll li jsejjaħ xhieda quddiem il-bord bl-istess mod konċess lit-tarzna (reg. 13, 34 u 35).

»3) Huwa dmir tal-bord *ad hoc* li jipproċedi mill-aktar fis sabiex jiddeċiedi ċ-*charge* u jipprovdi l-kastig li fiċ-ċirkostanzi jkun jidher mistħoqq. Kastig dan li kif kontemplat jista' jikkonsisti minn waqfien mix-xogħol, tnaqqis fil-grad jew tkeċċija (reg. 15).

»4) Mid-deċiżjoni tal-bord hu konsentit lill-impjegat dritt ta' appell fuq żewġ saffi. L-ewwel lill-Bord tal-Ewwel Appell (reg. 28) kompost minn tliet membri eżekuttivi tal-*manegement* (reg. 29). Imbagħad mid-deċiżjoni ta' dan lill-Bord tat-Tieni Appell kompost mill-*General Manager* u minn membri eżekuttivi tal-*management* u rappreżentant tal-*personnel department* (reg. 31). Dan id-dritt lil dan it-tieni Bord ta' Appell hu suġġett għall-kundizzjoni li l-impjegat jissodisfa lil dan il-bord li jeżisti dubbju *prima facie* li d-deċiżjoni mogħtija fuq l-ewwel appell ma hijiex ġusta (reg. 30(1)).

»5) Id-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tieni Appell jew dawk tal-Bord tal-Ewwel Appell skond il-każ huma finali. B'danakollu jekk l-impjegat jibqa' jinsisti li d-deċiżjoni finali mhix ġusta, jista' jirrikorri għal proċedimenti stabbiliti oħra bħall-ħatra ta' *referee* indipendenti. Però referenza għal dan l-arbitru mhix awtomatika iżda tingħata biss jekk ir-raġunijiet tal-impjegat jitqiesu ġustifikati (reg. 32).

»6) F'kull każ l-impjegat għandu jirċievi bil-miktub kull deċiżjoni mogħtija in forza tar-regolamenti (reg. 38).

»7) Hemm ukoll ir-regola ġenerali li tirriżulta fl-art. 4 u r-riżerva tal-art. 43. Tal-ewwel igħid li l-impjegati kollha tal-*Malta Drydocks* huma intitolati għall-ġustizzja u għandhom dritt għal appell permezz tal-istadji miftiehma ta' awtorità kif hemm stipulat fir-regolamenti, waqt li fl-art. 43 hemm riżervat lill-partijiet id-dritt li jfittxu sodisfazzjoni quddiem it-tribunali ordinarji jekk ikunu tal-fehma li ma tkunx saret ġustizzja.

»Sakemm ma jiġix pruvat li d-deċiżjoni tal-bord ta' dixxiplina (kompost mill-konvenuti Vassallo, Abdilla u Borg) ma kenitx [*recte*, kienet] in konflitt ma' xi prinċipju fondamentali tal-ġustizzja jew kontra dak li jipprovdu l-istess regolamenti m'għandux ikun hemm kwistjoni dwar il-validità tad-deċiżjoni. Mill-banda l-oħra huwa rikonoxxjut id-dritt li persuna li tħossha aggravata b'simili deċiżjoni li tirrikorri lill-qrati meta jidhrilha li d-deċiżjoni tkun ittieħdet b'detriment għaliha jew bi ksur ta' xi dritt fundamentali jew bi vjolazzjoni tal-istess.

»L-osservanza tar-Regolamenti ta' Dixxiplina

»L-attur kien akkużat quddiem il-bord tad-dixxiplina *ad hoc* imwaqqaf talli għamel misappropriazzjoni ta' fondi tal-*Malta Drydocks*. L-istruzzjonijiet sabiex jitwaqqaf dan il-bord ta' dixxiplina ngħataw fit-18 ta' Mejju 2000 minn Vince Miċallef, *Production Manager Ship Repair*. Huwa kiteb hekk fl-*internal memorandum* li bagħat lil *Personnel Officer*:

»"With reference to the attached statements, kindly proceed to issue the relative charges to Mr S Galea … as necessary and proceed to appoint an *ad hoc* board to hear this case urgently."

»L-attur kien infurmat b'ittra tat-18 ta' Mejju 2000 biċ-*charges* li kien qed ikun mixli bihom u l-għada 19 ta' Mejju 2000, intbagħtu *internal memoranda* lil dawk il-persuni impjegati ta' *Malta Drydocks* li kienu appuntati bħala membri tal-bord ta' dixxiplina għas-smigħ ta' dan il-każ.

»Kemm l-istruzzjonijiet mogħtija minn Micallef kif ukoll il-proċedura segwita ma kinux konformi mar-Regolamenti ta' Dixxiplina tal-*Malta Drydocks* partikolarment regolament 11 fejn l-ewwel kellu jiġi notifikat l-impjegat biċ-c*harge* kontra tiegħu, jingħata 36 siegħa sabiex jirrispondi jew bil-fomm jew bil-miktub, imbagħad "jekk l-impjegat li jsirlu dan iċ-*charge* jonqos milli jwiegeb għalih fi żmien il-perjodu msemmi hawn fuq jew, bil-fehma tal-*Personnel Manager*, ma jiskulpax ruħu, il-*Personnel Manager* għandu jirreferi l-każ lill-bord tad-dixxiplina *ad hoc* li jiġi nominat skond ir-Regolament 14".

»Skond ix-xiehda ta' Anthony Restall, *Human Resources Executive*, "impjegat mhux neċessarjament jigi infurmat li ser jittiehdu passi u jintalab spjegazzjoni".

»Però mhux hekk igħidu r-Regolamenti.

»Fil-każ speċifiku tal-attur, ma tressqu l-ebda provi ta' xi ittri mibgħuta lill-attur fejn dan kien qed jigi infurmat biċ-*charge* u mwissi li għandu 36 siegħa sabiex jagħti spjegazzjoni lis-superjuri tiegħu. Lill-attur din l-opportunità ma ngħatatlux. Anzi jidher li l-attur kien qed jiġi sorveljat bil-moħbi, u meta "inqabad" hu ġie *charged* kif spjegat aktar 'il fuq u infurmat illi kellu jidher quddiem bord ta' dixxiplina.

»Skond ir-Regolamenti, l-attur kellu jingħata l-opportunità li jagħti spjegazzjoni bil-fomm jew bil-miktub, u, wara, il-*Personnel Officer* kellu jiddeċiedi jiehux passi ulterjuri jew le. Jirriżulta li din il-parti tal-proċedura ġiet injorata għal kollox u l-attur tressaq mill-ewwel quddiem bord ta' dixxiplina. Din il-qorti temmen li dan l-aġir kiser id-dritt tal-attur li jagħti spjegazzjoni qabel ikun mixli formalment. Li l-attur kien fil-mira tal-amministrazzjoni fuq suspett ta' abbuż fuq il-post tax-xogħol huwa rifless fil-fatt illi Barry Johnson kien qabbad xi *security guards* sabiex joqgħodu għassa għall-*managers* li kienu deħlin u ħerġin mill-*Malta Drydocks*.

»… … …

»Fil-kuntest ta' "għemil amministrattiv", il-prinċipji tal-ġustizzja naturali qegħdin inkorporati f'art. 469A(1)(*b*)(ii) tal-Kap.12.

»Il-qorti tista' tissindaka "għemil amministrattiv" u tiddikjarah null jekk jirriżulta illi l-awtorità pubblika jew governattiva "tkun naqset milli tosserva l-priniċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil".

»Huwa risaput li l-prinċipji tal-ġustizzja naturali huma dawk il-prinċipji minimi li għandhom ikunu osservati waqt proċeduri 'kważi ġudizzjarji' ta' bord amministrattiv, tribunal jew anki entità amministrattiva illi għandha l-kompitu li tiddeċiedi fatti li fuqhom imbagħad għandha l-poter li tieħu deċiżjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet tal-persuna.

»… … …

»Iż-żewġ prinċipji tal-ġustizzja naturali huma:

»1) *audi alteram partem*. Dan il-prinċipju huwa l-pern tad-dritt għal smigħ xieraq. Għalhekk kull persuna għandha dritt li tingħata l-opportunità li tiddefendi l-każ tagħha bl-aħjar mezzi disponibbli għaliha u li tingħata żmien adegwat sabiex tipprepara l-każ tagħha.

»2) *nemo debet esse iudex in propria causa* jew *nemo judex in re sua*. Dan il-prinċipju jirrifletti d-dritt għal ġudikant indipendenti u imparzjali. Kull persuna għandha d-dritt li tressaq il-każ tagħha quddiem ġudikant jew entità b'funzjonijiet ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji li huma imparzjali u mingħajr ebda preġudizzju għal każ in eżami.

»Mill-ġurisprudenza jidher li jemerġi t-tielet prinċipju u *cioè* d-dmir ta' entità amministrattiva illi tagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha (*the duty to give reasons*).

»… … …

»Filwaqt li huwa aċċettat li l-ġudikanti tal-bordijiet għandhom ċerta diskrezzjoni fl-applikazzjoni tar-regolamenti, mill-banda l-oħra l-proċeduri quddiem bordijiet kostitwiti bir-regolamenti huma soġġetti għall-iskrutinju tal-qrati għall-aħjar ħarsien tal-jeddijiet fundamentali fil-każ ta' determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi ta' natura ċivili. Eżami dan li bilfors jinvolvi indaġni dwar jekk parti tħallietx tinstema' u tressaq il-provi tagħha, tkun difiża, tagħmel l-osservazzjonijiet kollha li jidhrilha u li jigi assikurat ukoll li d-deċiżjoni mogħtija mhux biss tkun sew motivata anke jekk bil-minimu konsentit iżda wkoll li kopja tagħha u ta' kull dokument ieħor pertinenti jiġu provduti biex il-parti tkun in grad li tiddefendi ruħha sew u ma tkunx żvantaġġjata f'każ li tkun trid tirrikorri għal appell.

»Imparzjalità u Indipendenza

»Meta għarblet l-imġieba tal-membri tal-bord tad-dixxiplina fil-każ tal-lum, din il-qorti tgħid li l-membri ma kinux indipendenti iżda kienu soġġetti għad-direzzjoni tal-*Personnel Department*.

»Fit-twettieq tal-mansjonijiet tiegħu, bord ta' dixxiplina ma jistax ikun soġġett għal direzzjoni minn fuq, lanqas fejn *si tratta* ta' proċedura. Meta jkun hemm karenza ta' regoli ta' proċedura, huwa l-bord stess li jrid jirregola lproċedura li għandha tkun segwita quddiemu, dejjem bl-osservanza tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali.

»Qed issir riferenza għax-xiehda tal-konvenut Godfrey Borg dwar dwar it-talba tal-attur quddiem dan il-bord li jkun assistit minn rap-preżentant tal-*union* tiegħu:

> »"Aħna staqsejnieh, ħares jekk inti ha tagħmel li, aħna jkollna bilfors immorru nirrikorru għand il-*personnel* ħalli jtina gwida jekk hux dan hux aċċettabbli bħala rappreżentant tiegħu ... għax li kieku baqa' jsostni aħna għalina ma kelna l-ebda problema l-bord, konna mmorru fuq il-*personnel department* ta' dak iż-żmien, ngħidulu ħares dan qed isir hekk, jista' jagħmilha din?"

»Direzzjoni bħal dik prospettata ma tistax tkun aċċettabbli ġo bord ta' dixxiplina li jrid jiddetermina jekk ħaddiem ikkommettiex jew le nuqqas gravi li kien akkużat bih proprju għaliex il-konsegwenza tad-deċiżjoni

tal-bord tolqot direttament id-drittijiet tal-impjegat li qed jidher quddiemu.

»… … …

»Tribunal ma jitqiesx indipendenti, għax ma jkunux hekk il-membri tiegħu, jekk għalkemm ikollu s-setgħa legali li jagħmel apprezzament awtonomu u jasal għal deċiżjoni li torbot, il-membri tiegħu jkunu f'posizzjoni ta' suġġizzjoni quddiem waħda mill-partijiet. Dan jista' jiġri jew għax membru tat-tribunal ikun ġerarkikament inferjuri għal waħda mill-partijiet, bħal meta dak il-membru jkun ukoll membru ta' korp organizzat u parti tkun superjur tiegħu f'dak l-istess jew inkella għax parti jkollha s-setgħa tiddeċiedi jekk membru tat-tribunal jibqax membru jew le.

»… … …

»L-imparzjalità hija kwistjoni ta' kwalità tal-membri ta' tribunal aktar milli l-kwalità tat-tribunal innifsu bħala istituzzjoni. Biex tribunal jitqies imparzjali, il-membri tiegħu ma jridx ikollhom preġudizzji jew simpatiji ma' xi parti. … … …

»Fil-każ tal-lum, kif diġà' rajna, il-membri tal-bord *de quo* kienu karenti f'dawn l-aspetti u għalhekk l-attur ġarrab preġudizzju.

»Dritt ta' Rappreżentanza tal-Impjegat

»Reg.13 tat-Tielet Parti, Provvedimenti Dwar Grupp I, tar-Regolamenti ta' Dixxiplina jaqra hekk:

> »"L-impjegat li jsirlu dan iċ-*charge* ikun intitolat li jmexxi l-każ ta' difiża tiegħu huwa nnifsu quddiem il-bord imsemmi u/jew li jkun mgħejjun minn rappreżentant tat-*trade union* tiegħu jew ħabib li jrid ikun impjegat tal-*Malta Drydocks* u jkun intitolat ukoll li jsejjaħ xhieda quddiem il-Bord."

»Il-qorti tosserva li lanqas dan ir-regolament ma kien osservat. Infatti il-konvenut Borg li kien membru tal-bord ta' dixxiplina xehed hekk -

> »"Skont ir-regolament, persuna setgħet tiġi rappreżentata minn rappreżentant tal-*union* magħrufa jew il-bqija minn ħabib li jkollu fiduċja fih."

»Dawn il-kliem irribadihom f'deposizzjoni ulterjuri fejn Borg spjega li l-Bord ma kienx jaf kellux jaċċetta *o meno* r-rappreżentanza ta' Anthony Zahra min-na-a tal-*Union DSESU* għaliex ma kinux jafu jekk tali *union* kenitx irrikonoxxuta jew le. Għalhekk kien deċiż li l-attur ikun rappreż-entat minn dan Zahra bħala *ħabib* li jahdem it-tarzna.

»Minn dawn il-provi jirriżulta allura li anki membru tal-bord li kellu jiddeċiedi dwar il-każ tal-attur jew ma kienx jaf bir-regolament inkella għad li kien jaf ir-regolament għażel li jinterpretah kif ried hu. Din il-qorti tagħmel enfasi fuq it-tieni possibilità proprju għaliex ir-regolament in kwistjoni huwa ċar u ma jagħmilx referenza għal 'rappreżentant tal-*union* magħrufa' izda biss għal 'rappreżentant tat-*trade union* tiegħu". Għalhekk l-attur kellu dritt li jkun rapprezentat minn Anthony Zahra bħala *rappreżentant* tal-*Union DSESU*, u mhux biss bħala *ħabib* li jaħdem id-*drydocks*. Jidher illi l-*Union DSESU* kienet ukoll tat direttiva kontra l-*Personnel Officer* Frans Farrugia għaliex huwa "… *has been constantly ignoring our representation as a recognised Trade Union*". Bħala fatt il-bord ta' dixxiplina ppermetta lil Anthony Zahra li jassisti lill-

attur bħala ħabib tiegħu iżda mhux bħala rappreżentant tal-*union* tal-attur.

»Irriżulta li l-bord ta' dixxiplina żamm seduta waħda li fiha sema' diversi xhieda u fl-istess ġurnata ta deċiżjoni. L-attur wera illi kien ser jappella kontra dik id-deċiżjoni. Fil-25 ta' Settembru 2000 huwa kiteb lil Anthony Restall sabiex javzah li xtaq illi jkun assistit minn avukat u minn Anthony Zahra. Anthony Restall kiteb lura u infurmah illi:

> »"… ma għandna l-ebda oġġezzjoni li s-sur Zahra, *Ship Repair Manager*, jassistik meta tidher quddiem il-Bord tal-Ewwel Appell, però l-Kodiċi tad-Dixxiplina tat-Tarzna (it-Tielet Parti, Provvedimenti dwar Grupp I (13)) igħid li impjegati tat-tarzna biss jistgħu jassistu/jiddefendu lil ħaddiema quddiem bord ta' dixxiplina. Għaldaqstant, skont il-proċeduri tat-tarzna, ma tistax tkun assistit minn avukat tal-għażla tiegħek."

»Kull persuna illi tidher quddiem bord ta' dixxiplina akkużata ta' xi reat fuq il-post tax-xogħol għandha d-dritt għal smigħ xieraq u dan jinkludi fost l-oħrajn, id-dritt għal 'difiża pjena'.

»… … …

»Proċedura fil-Bord ta' Dixxiplina

»Jidher illi kien dan il-bord ta' dixxiplina stess li kien qed iressaq il-każ kontra l-attur.

»Fid-deposizzjoni tiegħu, l-attur jixhed hekk:

> »Fil-proċeduri ma kienx hemm prosekutur jew xi ħadd biex iressaq l-akkuża u l-provi għan-nom tat-tarzna. Kien il-bord stess li beda jressaq ix-xhieda u jistaqsi hom kollox. Il-Bord stess kien qiesu prosekutur.

»Din il-qorti tgħid li dan huwa ksur ċar tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, kif ukoll tar-reg.37 fejn jingħad li l-akkużat '*will be given adequate opportunity to present the case and to examine and cross-examine witnesses'*.

»F'dan il-każ, il-ġudikant libes il-vesti ta' prosekutur. U proprju għax ġara hekk kienet adottata proċedura inaċċettabbli għaliex ma kenitx tassigura l-ġustizzja proċedurali u sostantiva. Jekk il-bord stess kien qiegħed iressaq il-każ hu, allura huwa ovvju li l-bord kien diġà preġudikat mill-bidu tas-smigħ tal-proċeduri kontra l-attur. Il-kompitu tal-bord ma kienx li jressaq il-provi kontra l-attur. Il-bord kellu l-kompitu li jqis l-akkużi kontra l-attur, jisma' l-provi inkluż dawk tal-attur, u mbagħad jiddeċiedi abbażi tal-provi. Il-bord kellu jistabilixxi jekk l-attur kienx ħati skond l-akkuża u jekk dak kien il-każ jinfliġġi l-piena.

»Aċċess għal dokumenti

»L-attur talab lill-membri tal-bord sabiex ikollu aċċess u viżjoni tad-dokumenti. Jidher illi aċċess ingħatalu biss waqt is-seduta quddiem il-bord u ma ngħatax kopja tagħhom. Dan ifisser illi d-difiża tiegħu kellu jagħmilha '*there and then'* peress illi il-proċess ta' dixxiplina sar dak in nhar stess u d-deċiżjoni ttieħdet dak in-nhar stess.

»Dwar l-i*statements* ta' nies involuti fil-każ tal-attur, il-konvenut Ray Vassallo, ukoll membru tal-bord ta' dixxiplina, igħid li l-proċedura kienet li ma jurux l-i*statement* ta' dawn in-nies iżda li jtellgħuhom bħala xhieda waqt il-proċeduri quddiem il-bord. Huwa jkompli jixhed li –

»"Wara s-seduta kienu reġgħu talbu lili personali għall-kopja ta' dawn l-i*statements*. U jien għedtilhom ma għandi xejn x'naħbi; jekk trid nistgħu nagħtuhomlkom però niċċekkja mal-*personnel* rigward il-proċedura. U ċċekkjajt u t-tweġiba kienet illi le. Bħala proċedura dawn ma jingħatawx l-i*statements*. Jidhirli li Galea kien talab kopji ta' dawn il-minuti. Però ma ngħatawlux billi mhumiex parti mill-proċedura.

»Dan huwa kkonfermat mill-konvenut John Abdilla wkoll, membru tal-bord ta' dixxiplina, li xehed –

… x-xiehda tas-*security guards* ma jistax jeħodhom minn għandna imma jekk irid jista' jeħodhom mingħand il-*personnel*.

»Mill-provi rriżulta li l-attur ma kellux kopja tax-xiehda jew *statements* magħmula kontra tiegħu iżda tali *statements* inqraw quddiemu u quddiem il-persuna li kitbet l-i*statement* u dan tal-aħħar kien ivverifika tali *statement* u wieġeb għad-domandi. Jidher ukoll illi l-impjegat kellu jagħmel id-domandi tiegħu lix-xhud f'dik l-istess ġurnata.

»Il-konvenut Borg xehed illi bħala bord huma ma setgħu jagħtu l-ebda dokument prodott waqt il-proċedura lill-akkużat. Lanqas kienu għaddew id-deċiżjoni tagħhom lil akkużat iżda bagħtu kollox lill-*personnel department*. Il-persuna inkarigata ta' dan id-dipartiment, il-konvenut Frans Farrugia xehed li ma kenitx proċedura normali li jingħataw id-dokumenti prodotti waqt il-proċedura ta' dixxiplina. Godfrey Borg xehed hekk dwar it-talba tal-attur sabiex jingħatawlu d-dokumenti kollha wara li ttieħdet id-deċiżjoni tal-bord ta' dixxiplina –

»"Il-verità hija li dan talab kopja tal-affarijiet kollha u aħna għidnielu aħna ċ-*chairman* m'għandna l-ebda problema li jkollok però naturalment irridu nirreferu mas-sistemi u mal-proċeduri li hemm stabbiliti fil-*personnel department*, fil-proċeduri tat-tarzna ta' dak iż-żmien."

»Jidher għalhekk suffiċjentement pruvat illi l-bord ma kienx irregola l-proċedura tiegħu, iżda kien qed jieħu direzzjoni mill-*personnel department*. Kif ukoll ma tax lill-attur kopja tad-dokumenti relatati mad-deċiżjoni tiegħu f'dan il-każ. Dan jikkostitwixxi … ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali peress li l-attur ma ngħatax l-opportunità u l-aċċess għall-*piena difesa*.

»Fil-kawża fl-ismijiet <u>Azzopardi *v. Maltacom plc*</u> deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Awissu 2000 kien ritenut -

»"... l-proċeduri quddiem bordijiet imwaqqfa b'dawn ir-regolamenti kienu soġġett ta' skrutinju mill-qrati għall-aħjar ħarsien tal-jeddijiet fundamentali fil-każ ta' determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi ta' natura ċivili. Eżami dan li neċessarjament kien jinvolvi indaġini dwar jekk parti tħallietx tinstema' u tressaq il-provi tagħha, tkun difiża, tagħmel l-osservazzjonijiet kollha li jidhrilha u li jiġi assikurat ukoll li d-deċiżjoni mogħtija mhux biss tkun sew motivata, anke jekk bil-minimu konsentit, iżda wkoll li kopja tagħha u ta' kull dokument ieħor pertinenti jiġu provduti biex il-parti tkun in grad li sew tiddefendi ruħha, u ma tkunx żvantaġġjata f'każ li tkun trid tirrikorri għad-dritt lilha mogħti tal-appell, jew appelli, f'dan il-każ."

»Din il-qorti tgħid li l-attur ma kienx ingħata żmien adegwat biex iħejji d-difiża tiegħu u ma kellux id-dokumenti neċessarji biex jistudja l-każ bir-reqqa. Din il-qorti hija wkoll tal-fehma li l-attur ma setax iħejji tajjeb l-appell tiegħu quddiem il-Bord tal-Ewwel Appell għax ma kellux id-

> dokumenti li bihom isostni l-appell. Għalhekk l-attur irrikorra għall-proċeduri odjerni.«

10. L-aggravji tal-konvenuti fl-appell inċidentali tagħhom jolqtu d-deċiżjoni tal-ewwel qorti fejn din: (i) ċaħdet l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attur fit-talbiet kontra l-konvenuti Farrugia, Vassallo, Abdilla u Borg, u li għalhekk dawn ma humiex kontradittturi leġittimi (għalkemm laqgħet l-eċċezzjoni relativament għat-talbiet kontra l-Gvern ta' Malta bħala suċċessur ta' *Malta Drydocks*); (ii) naqset li tqis l-eċċezzjoni illi l-attur kellu rimedji ordinarji; (iii) qieset l-għamil tal-konvenuti Farrugia, Vassallo, Abdilla u Borg taħt l-art. 469A(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u (iv) sabet illi nkisru r-regolamenti dwar il-proċeduri ta' dixxiplina u l-prinċipji ta' ġustizzja naturali.

11. L-ewwel aggravju jolqot iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni li l-konvenuti Farrugia, Vassallo, Abdilla u Borg ma humiex kontradittturi leġittimi u li l-attur ma għandux interess ġuridiku fit-talbiet magħmula kontriehom. L-aggravju dwar nuqqas ta' leġittimazzjoni passiva ta' dawk il-konvenuti ġie mfisser hekk:

> »… … … l-esponenti ma jaqblux mar-raġument tal-ewwel qorti li tiddeċiedi xorta waħda l-aħħar erba' talbiet fl-att promotur, fir-rigward tal-esponenti Farrugia, Vassallo, Abdilla, u Borg, għaliex l-attur argumenta fl-ewwel osservazzjonijiet tiegħu li dawn l-erba' talbiet huma indirizzati kontra l-imsemmija esponenti.
>
> »Jekk xejn, b'dik id-dikjarazzjoni tiegħu, l-attur appellant ammetta l-eċċezzjoni tal-esponenti li huma personalment mhumiex il-leġittimi kuntradittturi għal dawn l-ewwel tliet talbiet, li l-attur għażel li jintavola kontriehom ukoll. Konsegwentement, għab-bażi ta' din l-ammissjoni tal-appellant, l-ewwel qorti kellha tiddikjara li l-esponenti Farrugia, Vassallo, Abdilla u Borg mhumiex leġittimi kuntradittturi għall-ewwel tliet talbiet attriċi, u konsegwentement tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju fir-rigward tal-istess talbiet.

> »Kwantu għall-bqija tat-talbiet, jirriżulta li l-involviment ta' Farrugia, Vassallo, Abdilla u Borg, fil-każ dixxiplinarju kontra l-appellant, kien unikament fil-kwalità tagħhom ta' impjegati u uffiċjali tal-korporazzjoni, u fi kwalità rappresentativa għall-istess, u mhux f'vesti personali. Fl-investigazzjoni tal-abbuż imwettaq mill-appellant, u fit-teħid tal-passi dixxiplinarji kontrieh, dawn aġixxew biss għan-nom u fl-interess tal-*Malta Drydocks*, kif kellhom dover jagħmlu bhala impjegati tagħha. Konsegwentement, l-għemil tagħhom fir-rigward huwa l-għemil tal-*Malta Drydocks*, għaliex il-korporazzjoni aġixxiet kontra l-appellant permezz tagħhom, u ma jeżisti ebda għemil tagħhom separat jew distint mill-għemil tal-korporazrjoni.
>
> Konsegwentement, l-ewwel qorti kellha tilqa' l-eċċezzjoni li l-esponenti personalment mhumiex leġittimi kuntradittur, lanqas għall-aħħar erba' talbiet attriċi.«

12. Tassew, ħlief għall-ħames talba safejn tolqot lill-konvenuti Vassallo, Abdilla u Borg, l-ewwel qorti ċaħdet l-aħħar erba' talbiet u għalhekk – issa li l-appell ewlieni tal-attur mar deżert – ma jidhirx li l-konvenuti fadlilhom interess ġuridiku fl-appell ħlief fejn jolqot lill-ħames talba, u huma biss il-konvenuti Vassallo, Abdilla u Borg li għad għandhom dak l-interess.

13. Strettament ukoll, l-ewwel qorti ma fehmitx sew meta fehmet illi l-ewwel tliet talbiet kienu maħsuba kontra *Malta Drydocks* u l-aħħar erba' kontra l-konvenuti l-oħra, għax il-ħames talba – fejn l-attur talab dikjarazzjoni li d-deċiżjoni tal-bord ta' dixxiplina ma tiswiex – ma tinteressax lill-konvenuti Farrugia, Vassallo, Abdilla u Borg personal-ment iżda tinteressa biss lil *Malta Drydocks* billi d-deċiżjoni impunjata kienet deċiżjoni ta' organu tagħha. Għalhekk igħidu sew il-konvenuti illi Farrugia, Vassallo, Abdilla u Borg ma humiex kontradittur leġittimi għal dik it-talba.

14. Il-qorti għalhekk tipprovdi dwar dan l-aggravju billi tilqgħu relativament għall-ħames talba fejn intalbet dikjarazzjoni li d-deċiżjoni tal-bord ta' dixxiplina ma tiswiex u ma tqisux fil-bqija.

15. Billi l-ħames talba kienet l-unika waħda li ntlaqgħet u, għar-raġunijiet miġjuba fuq, il-parti tas-sentenza fejn intlaqgħet dik it-talba għandha titħassar, l-interess tal-konvenuti fl-appell huwa eżawrit u ma huwiex meħtieġ li nqisu l-aggravji l-oħra tagħhom.

16. Il-qorti għalhekk tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata: tħassarha fejn laqgħet il-ħames talba "limitatament fil-konfront tal-konvenuti Raymond Vassallo, John Abdilla u Godfrey Borg" u tgħid, minflok, illi dawk il-konvenuti ma humiex kontradditturi leġittimi relativament għal dik it-talba u għalhekk teħlishom mill-ħarsien tal-ġudizzju relativ; tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

17. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata; l-ispejjeż tal-appell iħallashom l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df